# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

Illum, 10 ta' Lulju 2017

Il- Pulizija
(Spettur Christabelle Chetcuti)

-vs-

Kyle Mifsud
karta ta' identita 418892M

Il-Qorti,

Rat in-nota tal-11 ta' Novembru 2016 tal-ufficjal tal-*probation* Glen Grixti prezentata ai termini ta' l-artikolu 21 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, b'liema nota l-Qorti giet infurmata li Kyle Mifusd naqas li joqghod ghall-htigijiet ta' ordni mghoti.

Rat l-Ordni ta' Probation u s-sentenza mghotija fis-17 ta' Settembru 2015 fil-konfront ta' Kyle Mifsud.

Rat l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti l-ohra kollha.

Semghat il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi din hija denunzja li qed isir fil-konfront ta' Kyle Mifsud.

Illi mill-provi jirrizulta li fi stadju inizjali tal-perjodu ta' probation d-denunzjat kien qieghed jikkopera ma'l-ufficjal tal-probation u l-andament kien wiehed tajjeb; f'dan il-perjodu d-denunzjat kien detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Gara pero li ftit wara li hareg mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin u rega beda jirrisjedi mal-familjari tieghu s-sitwazzjoni regghet bdiet tiddeterorja, rega beda jabbuza mid-droga, beda jfalli l-appuntamenti ma'l-uffijcal tal-probation u ma naqas li jzomm mal-pjan ta' kura.

Illi fil-fatt meta saret id-denunzja Kyle Mifsud ma kienx qed joqghod ghall-htigijiet ta' l-ordni tal-probation. Huwa la kien qed imur ghall-appuntamenti ma'l-ufficjal tal-probation u lanqas ma kien qed joqghod ghad-direttivi lilu mghotija dwar kura mehtiega minhabba vizzju tad-droga.

Illi ghandu jigi rilevat li anke f'l-istadju inizjali ta' dawn il-proceduri, meta l-Qorti regghet spjegat lid-denunzjat bil-konsegwenzi jekk huwa ma joqghodx ghall-ordnijiet li jinghatawlu u partikolarment jekk ma jibdiex jindirizza b'mod effettiv il-problema tad-droga, huwa ghazel li jibqa jinjora l-ordnijiet. Id-deunzjat kien jipprometti li kien ser jaghmel in-necessarju biex jibda programm ta' riabilitazzjoni u kien anke jiehu l-ewwel passi pero wara zmien qasir jerga jibdel fehemtu; din l-attitudni kienet qed tirrepeti ruhha minn differiment ghal differiment.

Illi gara pero li  minn Mejju ta' din is-sena Mifsud irrikovera lilu nnifsu l-isptar Monte Carmeli, fejn wara xi zmien gie mibghut id-DDU. Eventwalment gie trasfeirt l-ASU fejn ghadu sa' llum, u huwa pjanat li fi zmien xahar jibda il-programm residenzjali kontra l-vizzju tad-droga. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija lesta taghtih l-ahhar oppportunita biex jibda u jispicca dan il-programm.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lil Kyle Mifsud hati li ma qaghadx ghall-htigijiet ta' l-ordni tal-probation u tikkundannah ammenda ta' mitt Euro (€100) u dan

minghajr pregudizzju ghaz-zamma fis-sehh ta'l-ordni ta' probation li qed jigi estiez ghall-perjodu massimu ta' tlett snin u b'zieda tal-kundizzjoni li jkompli t-trattament li qed jiehu u li jibda u jkompli sa tmienu programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D.**
**MAGISTRAT**